TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 145/15/GB

**Andre' Grech**

**vs**

**Agius Photo Studio**

Illum 25 ta' Novembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Lulju, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u sebghin Ewro (€570.00), rapprezentanti d-depozitu li huwa hallas lill-intimat ghas-servizz ta' fotografija tat-tieg u album bir-ritratti tat-tieg, liema ritratti huwa baqa' ma rcieva qatt minghand l-intimat.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il ġurnata stipulat fir-regolament 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u ghalhekk baqa' kontumaci. L-intimat pero', attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-ritratti tat-tieg kellhom ikunu lesti sa xahar u nofs wara d-data tat-tieg, hekk skond il-ftehim li kellu ma' Vince Agius. Peress li r-ritratti qatt ma nghataw lir-rikorrent, huwa kien mar diversi drabi personalment il-hanut ta' Vince Agius, jilmenta, ghaliex ma kienx żamm il-kelma tieghu li jaghtieh ir-ritratti u l-video tat-tieg. Vince Agius kien qallu li kien ser icempillu lura, iżda dan qatt ma sehh. Din l-istorja grat erbgha darbiet, fejn kull darba, Vince Agius ma żammx kellmtu. Ir-rikorrent fl-ahhar anke baghat pulizija sabiex ikellem lil Vince Agius dwar dan il-kaz, fejn il-pulizija kien irrapporta lura lir-rikorrent li Vince Agius kien qallu li kien ser jibghatlu r-ritratti, pero' dan baqa' ma sehh qatt.

Wara erbgha snin mid-data tat-tieg (4/6/2011), ir-rikorrent qed jitlob li jinghata l-flus lura li kien hallas bhala depożitu, fl-ammont ta' hames mija u sebghin Ewro (€570.00).

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa ittra li huwa baghat lill-intimat, li ġiet immarkata bhala Dok.AG1.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u filwaqt li jiddeplora n-nuqqas serjissimu ta' servizz da parti ta' l-intimat, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' hames mija u sebghin Ewro (€570.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**